# KUNSILL LOKALI NADUR

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

## GĦAXAR (10) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Sitta u Għoxrin (26)

## 25 ta' Marzu 2026

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-sala tal-Kunsill f-12:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Kevin Curmi | Viċi Sindku |
| Dr. Rebecca Vella | Kunsilliera |
| Eucharist Camilleri | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Elisa Buttigieg | L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

**26.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kien hemm hadd assenti.

**26.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

Il-Minuti tal-Ħamsa u għoxrin il-laqgħa (25) tat-23 ta' Frar 2026 ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbgħatu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 25 ġiet iffirmata. Din ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretraju Eżekuttiv, Proponent- Kevin Curmi u Sekondant- Rebecca Vella.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil dwar l-iskeda tal-paġamenti.

**Proġett Triq ir-Ramla- kontijiet tal-Perit.**

Kien hemm qbil li napprovaw l-kontijiet tal-Perit Edward Scerri bhala perit tal-kunsill fuq il-proġett ta' Triq ir-Ramla, liema zewġ kontijiet huma ta' ref:-N/P/X93 bl-ammont ta' 11,611.67 euro u Ref:-N/P/X94 bl-ammont ta' 7,109.18 euro għal total ta' 18,720.85 euro. Dawn il-Kontijiet ser jgħaddu għal approvazzjoni u rimborż tal- Ministeru għal-Għawdex u ippjanar.

Sar iffirmar ta' Addendum ta' 25k fuq Old Ramla Road flimkien ma MGP rigward spejjeż tal-Perit biex il-Kunsill jitħallas lura tagħhom.

Is-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv taw update rigward il-Compliance Audit. Ser isir laqgħa oħra Malta bhala closure ma' OPM. Qed isir agreement draft ma' l-avvukat dwar il-ground mal-Club. Sar Procurement plan li ġie maqbul waqt il-laqgħa. Sar Twinning Plan li ġie maqbul ukoll waqt il-laqgħa. Rigward Service level agreements ser naraw x'ġie mitlub eżatt minn naħa tal-compliance. Lands register qiegħed updated ukoll peress li l-agreements kollha active. Ġie diskuss ukoll il-guideliness minħabba kollaborazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv tat update rigward l-Audit li kellha għaddej.

Ser jidħlu 2500eur refund fuq is-sistema tal-Permessi.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Ġew approvati 10K għal Wirja Agrarja minn MGP.

Ġew approvati 1.5K għal Run minn MGP u 1.5K minn Garmin

Sponsor minn Gatorade għal Wirja in kind.

Sponsor approvat minn JP għal festa tat-Tfal Imnarja bl-ammont ta' 2K

Daħħlu 10K flus ta MTA għal Karnival 2026

Approvazzjoni fuq 80 minn LESA għal proġett tal-Gebel Aħmar

Kien hemm qbil fuq il-kont tal-overtime CWS 2025.

Il-Kont tal-LA WSC ta' Peter Paul Said fuq Wied ir-Rihan M4.3 ser jiġi ċertifikat mill-Perit tal-Kunsill u jitħallas wara.

Baqa' pendenti 10k fuq PPP ta' Gatt li kien hemm qbil li jibdew jitħallsu.

Ġie diskuss biex fil-futur isir investiment u nieħdu loan għal garage u Truck.

**26.3. Komunikazzjoni mis-Sindku, mistoqsijiet u żviluppi mil-Kunsilliera;**

Pendenti minn dak mitlub:

***Sar xogħol mit-talbiet ta' kull kunsillier matul l-aħħar xahar.***

- Sindku:- zbir tal-palm, Ħitan sejjieħ Wied Riħan, Bankina mkissra fi Triq Ħanaq.
- Viċi Sindku :- tabelli ta' speed limits fi Triq tad-Duru u tabella Daħlet Qorrot mooring.
- Avv.Rebecca Vella :- Ma hemm xejn pendent.
- Eucharist Camilleri :- Qtugħ tal-bajtar fi Triq San Gakbu.
- Jean Paul Portelli :- Rampa f'Wied Bingemma u Rampa biex titranga fi Triq Wied Bingemma.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

**Updates mill-Kunsilliera:**

**Sindku:**

- Kien hem qbil li terġgħa tintbgħat e mail rigward it-Torri ta' kenuna u jekk ma jsir xejn noħorġu stqarrija.
- Triq it-Tiġrija -Is-Sindku ta' update.
- Is-Sindku ta update fuq Triq L-Emigranti.
- Town Twinning Zafferana- Kienet ta' Suċċess kbir.
- Twinning Funds – Ser jiġi diskuss proġett ġdid.
- Latrina l-ġdida San Blas – Is-Sindku ta update fuq ix-xogħol
- Is-Sindku ta update fuq il-Multiplay tal-Ħali. Ser tinbiddel bandla miksura ukoll u s-sindku informa il Kunsill b'varations ta' additional thickness of flooring bl-ammont ta' 495.60 euro u anke l-additional flooring ta' 19 square metres. Kien hemm qbil fuq dan.
- Tour Hungary- Is-Sindku ta update.
- Fondi EU –Ser jiġi applikat il-proġett tad-dwal fi Ġnien il-Kunsill.
- Charter Poland- Ser jattendu ukoll il-Kunsilliera Dr. Rebecca Vella li titħallas minn naħa tal-Kunsill skond iċ-Ċirkulari u Ritiann Portelli li ser tħallas hi.
-

**Kevin Curmi:**

Ser napplikaw ma' MTA għal Karnival 2027.

**Rebecca Vella**

Ġie diskuss -**Sidewalk libraries** li isir f'Gnien il-Kunsill peress li gejna approvati. Hi applikat ukoll għal fondi fuq il-Wine Feast 2026

**Korsijiet fis-Sajf-** Kien hemm diskussjoni fit-tul fuq x'korsijiet jistgħu jsiru fis-sajf. Ser taħdem fuqhom il-Kunsilliera Dr. Rebecca Vella.

**Eucharist Camilleri:**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Ser jieħu ħsieb il-Ħarga tal-anzjani li jmiss.

**26.5. Korrispondenza**

Ittra mingħand ta' ringrazzjament mingħand is-Sindku ta' Leeds

Pjazza ghal Pjazza- Ser jieħu ħsieb jara fuqha l-Kunsillier Jean Paul flimkien ma għaqda Triq il-Kappillan.

E mail mingħand EPIC dwar twaħħil ta' Antenna fl-area ta' San Blas. Ma kienx hemm qbil għalissa fuq din.

Kien hemm qbil li jitħallas il-medalji għal Sports Day ta' l-iskola. L-ilma ġie sponsored minn H2.

Invit mingħand il-Kunċert tal-Banda dwar il-Kunċert.

Talba għal laqgħa COO tal-librerija.

Ġew diskussi skemi biex jiġu applikati. Kien hemm qbil li jiġu applikati dawn-

SPI.SCI.02.2026 -Lokalitajiet aktar nodfa 2026- fuq inizjattiva ta' recycling bags, clean up fl-area ta' Xurdin, u moħriet għal manutenzjoni u tindif ta' soft areas.

SPI.SCI.03.2026 -Attivitajiet Milied -napplikaw għal *joy to the world, santa house u l-parade*.

SPI.SCI.04.2026- Finanzjament -Manutenzjoni u sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri- Napplikaw għal rubber carpets fil-Playing field ta' San Blas.

SPI.SCI.05.2026- Kommunitajiet aktar b'Saħħithom u ta' Kwalita'- Napplikaw għal Belvedere DC Cocco Palmeri. Kien hemm proposta mis-Sindku biex isir monument hemm għal mibki Joe Tabone l-ewwel ex-Sindku.

Dan il-ħin il-Kunsillier Eucharist Camilleri għamel suġġeriment biex xi darba isir monument għal Dun Karm Attard.

SPI.SCI.06.2026- Karnival 2027- Kien hemm qbil li jiġi applikat il-Karnival Orġanizzat.

Kollaborazzjoni mal-Kumitat Purċissjoni Ġimgħa Kbira Nadur. Kien hemm qbil.

Bike racks kien hemm qbil li jiġu installati fil- playing field tal-Ħali u San Blas.

**26.6 Offerti Pubblici.**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Ser nibdew naħdmu fuq ħrug tal-offerti tal-Ħali – dawl u rubber, L-offerta tar-restawr tal-Monument ta' Ġnien il-Kunsill, sqaq Pjazza Dun Martin Camilleri u Belveder tad-Duru u Belvedere tal-Gebel l-Aħmar.

Inħarget l-offerta tal-Kiri ta' Van.

Ser noħorgu ukoll daqt l-offerti tal-Kiri ta' machinery u sement.

Ser noħorgu l-offerti tal-Wine Festival.

Għalqet l-offerta tas-servizzi fuq il-latrina il-ġdida ta' San Blas.

Kien hemm qbil li l-board tal-Evalwazzjoni tal-offerti jkunu -Chris Falzon, Is-Segretarju Ezekuttiv, l-Accountant tal-kunsill, Il-Perit Edward Scerri u l-Ing. Simon Mizzi.

**25.7. Progetti u skemi:**

**Fondi LESA ġodda**- Il-Proġett tal-Gebel l-Aħmar ġie approvat u inriedu noħorġu l-offerta.

**Skema LESA (Latrina San Blas)** u fondi DPF– inriedu ngħalqu ma' DPF rigward fondi ghas-servizzi.

**Triq ir-Ramla** – Ser nibdew pjan għat-tieni kisja.

**SPI/SCI/02/2024-Finanzjament-Komunijiet aktar b'saħħithom u inklussivi** (għal equipment fil-playing field tal-Ħali) – Ix-xogħol jitlesta f'April.

**Proġett Pjazza** – ser nistennew stimi u l-pjanijiet.

**SPI.SCI.06.2025- Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (tal-Ħali)**- Qed naħdmu fuq l-offerta.

**SPI.SCI.07.25- Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'**(Tad-Duru). Qed naħdmu fuq l-offerta.

**26.8. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Soċjali:**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

**Dramm 2026-** Is-Sindku ta update.

**Wine Festival 2026**- Il-Kunsill applika għal għajnuna finanzjaru lil Ministeru għal Għawdex u Ippjanar.

**Wirja 2026** – Is-Sindku ta' update. Kien hemm qbil li jingħata limoncello bhala rigal. Kien hemm qbil ukoll li jingħata momentum lil Andrew Muscat u l-mara tal-mibki William Said peress li kienu huma jieħdu qbel ħsieb il-wirja.

**Ikla Tradizzjonali**- Il-Kunsillier Eucharist Camilleri ser jara fuq prezentatur.

**Festa Tfal-** Ġie maqbul li din is-sena ma jsirx palk, logħob biss.

**26.9. Materji oħra;**

Ma kienx hemm materja oħra.

**26.10.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku**

**26.10.1. Rikjesti mis-Sindku Edward Said:-**

- Talba għal yellow lines faċċata ta' garage fi Triq ta' Sopu – Ser nibgħatu talba lil TM
- Talba għal żbir ta' siġar fi Triq Guze Ellul Mercer u biex titneħħa sigra mejta – ser nibgħatu talba lil Rural Gozo.
- Torri Sopu biex jitranga railing
- Ħajt biex jitranga f'Daħlet Qorrot
- Manutenzjoni Tal-Ħali
- Rampa għal wheelchairs fi Gnien il-Kunsill
- Titranga Bollard fi Triq Cicciano
- Talba għal bankina ġdida fi Triq San Guzepp
- Jinbidlu għaxar bozoz tas-shelter.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- Talba għal bankina bis-sement fi Triq iz-Zernieq
- Cat House fiz-zona ta' Triq Bingemma
- Talba għal Sement ix-Xagħri
- Talba għal sement DC Cocco Palmeri

**26.10.2.Rikjesti mingħand il-Viċi Sindku Kevin Curmi:-**

Rampa f'Wied Bingemma

Manutenzjoni f'Daħlet Qorrot

Ħofor fit-Triq tad-Duru

Swimming zone f'Daħlet Qorrot

**26.10.3. Rikjesti mingħand il-Kunsillier Eucharist Camilleri:-**

Talba għal laqgħa mal-Kumitat tal-football, Ministeru għal Għawdex u ippjanar u Kunsill rigward stat tat-tkisser tal-ground tan-Nadur

**26.10.4. Rikjesti mingħand il-Kunsillier Jean Paul Portelli:-**

Talba għal re do għal black paint fi Triq Grunju.

**26.11. Tmiem tal-laqgħa.**

Il-laqgħa spiċċat fil- 5:00pm. Data tal-laqgħa li jmiss ser tiġi diskussa aktar il quddiem.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva